**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 30 ta’ Ottubru 2024**

Rikors Numru: 423/24 AL

AB

vs

CD

(M.R. Numru 690/1984)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu espona:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar il-Hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija erbgha u tmenin (1984) (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok.A) u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, EFG nee’ B li twieldet nhar il-Hmistax (15) ta' Mejju tas- sena elf disa' mija sitta u tmenin (1986) u HI li twieled nhar l-Erbatax (14) ta' Gunju tas-

sena elf disa' mija u disghin (1990) u li llum il-gurnata t-tnejn huma maggorenni u indipendenti;

2. Illi filwaqt li l-partijiet kienu ilhom separati de facto sa mis-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021), l-istess iddecidew li jifthu proceduri ta' separazzjoni personali quddiem din l- Onorabbli Qorti diversament preseduta u konsegwentament il-partijiet gew debitament awtorizzati jghaddu ghall-kuntratt ta' separazzjoni personali in forza ta' Digriet moghti mill- Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat is-Sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn erbgha u ghoxrin (2024);

3. Illi in segwitu ghal premess, il-partijiet addevjenew fuq il-kuntratt tas-separazzjoni personali taghhom nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn erbgha u ghoxrin (2024) in atti tan-Nutar Dottor Maria Roberta Galea Mamo (hawn anness u mmarkat bhala Dok.B);

4. Illi jinghad li m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom de jure separati min Marzu tas-sena elfejn erbgha u ghoxrin (2024), illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi ai termini ta' klawzola numru erbgha (4) tal-kuntratt ta' separazzjoni surreferit, l-partijiet iddekadew reciprokament ghad-dritt li jitolbu manteniment minn ghand xulxin, u ghalhekk m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment;

6. Illi jigi rilevat ukoll li in kwantu jirrigwarda l-ulied Lisa Marie Mallia nee Borg illum, ta' tmienja u tletin (38) sena u Justin Borg ta' erbgha u tletin (34) sena, fid-dawl tal-fatt li fid- data tas-separazzjoni bejn l-esponent u l-intimata iz-zewgt ulied kienu diga maggorenni, l-ebda manteniment ma kien u hu dovut versu l-istess ulied;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, u
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

U dan salv kull provvediment iehor li din il-Qorti tqis xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Settembru,  2024;

Semghet lill-intimata preżenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti twieġeb li m’għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur u li l-partijiet ilhom de facto separati mis-sena 2022;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis- is-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn erbgha u ghoxrin (2024) u de facto separati mis-sena 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.